**Messaġġ mill-
President tar-Regia ta' Malta
Kenneth Abela**

Merħba għal dan il-'format' ġdid tal-Bullettin Leġjunarju.

L-Uffiċċjali tar-Regia ta' Malta taw bidu għal prova ta' Bulletin li jkun aktar aġġornat u informattiv dwar attivitajiet u funzjonijiet tal-Leġjun, f'daqs u tipa akbar, waqt li jinżamm l-element ta' tagħlim li aħna mdorrijin bih.

L-istampar hu ppjanat li jsir 'in house', grazzi għall-'photocopier' ġdida li nxtrat mill-fondi tal-iskema BOOST, skema tal-Aġenzija Żgħażagħ. Grazzi għal kull min ħadem fuq l-applikazzjoni għal dawn il-Fondi, li bihom inxtara wkoll public address system li qed jintuża mil-'juniors' tagħna fil-ħafna attivitajiet tagħhom; apparti li ntuża wkoll waqt il-Manifestazzjoni Marjana f'Bugibba f'Awwissu li għadda. Inxtara wkoll apparat tal-użu fl-uffiċċju bħal laminators u binders. Dan kollu hu għall-użu tal-Comitium, Curiae, Praesidia u għall-leġjunarji kollha.

Kif wieħed jara f'paġna 2, ir-Regia ddiskutiet u ħarġet il-Programm Proviżorju għas-sena li ġejja. Il-'highlight' għandu jkun l-Assemblea ppjanat għall- 1 ta' Mejju. Għal dan ikunu mistiedna l-leġjunarji kollha u jkollna diskussjoni miftuħa dwar kif sejjer il-Leġjun f'pajjiżna u kif nistgħu nħarsu 'il quddiem b'aktar fiduċja.




**L-Intenzjonijiet tax-Xahar tal-Papa**

**Novembru 2025**
Għall-Prevenzjoni tas-Suwiċidju …
Nitolbu għal dawk li qed jitqabdu ma' ħsibijiet ta' suwiċidju biex isibu l-wens, l-assistenza u l-imħabba li jkollhom bżonn mill-komunità, u li jkunu miftuħin għas-sbuħija tal-ħajja.

**Diċembru 2025**
Għall-Insara li jinsabu f'inħawi ta' konflitt …
Nitolbu għall-Insara li jgħixu f'inħawi ta' gwerra u konflitt, l-aktar fil-Lvant Nofsani, biex ikunu żerriegħa ta' paċi, rikonċiljazzjoni u tama.

**Inżommu l-intenzjoni fit-talb personali tagħna u b'mod partikulari noffruha fir-reċita tar-Rużarju.**



# Bullettin Leġjunarju 1/2025 Novembru - Diċembru 2025

## Il-Prattika Spiritwali
## Dun Karm Gauci

**Novembru 2025.
Ubbidjenza, Mewt u Martirju.**

Wiġi dejjem xtaq li jaħdem għal rasu biex la jkollu min jikkmandah u lanqas min jikkontrollah. Stefanja tgħid li jekk iż-żiemel ma jobdix ir-riedni, jitfgħek ġo ħajt. Qed ngħixu f'dinja fejn qed jonfoħ riħ supperv ta' individwaliżmu u awtonomija. Jien naf x'għandi nagħmel u ħadd ma għandu għalfejn jindaħalli. Qed nippruvaw nikkanċellaw mid-dizzjunarju l-kelma ubbidjenza'. Għalhekk jissorprendina l-kliem ta' Ġesu: 'Jien ma ġejtx nagħmel ir-rieda tiegħi imma r-rieda ta' min bagħatni'.(Ġw. 4,34; 5,30;6,38)

Kien dan ukoll li fehmet Marija meta qalet 'Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej' (Lq. 1,38). Donnu aktar nagħraf ir-rieda t'Alla meta nobdi milli meta nagħmel dak li jgħidli moħħi. L-ubbidjenza toħroġni mill-'comfort zone' tiegħi, mill-ingann, mir-ripetizzjoni bla kreattivita' u bla 'challenges'. L-ubbidjenza hija mewt/martirju li jagħti l-ħajja għax jgħaqqadni ma' l-oħrajn. Mingħajr ubbidjenza l-istruttura tal-grupp, tal-familja, etċ. tikrolla.

Jiġri spiss li min ma jobdix jippretendi li jobduh meta jkun jikkmanda hu. **Iddiskuti:**

**1. Għadna nistgħu nitkellmu fuq awtorita' u ubbidjenza fid-dar, fis-soċjeta', fl-għaqda u fil-Knisja jew kulħadd sar repubblika għal rasu?**
**2. Fittex kif il-Manwal jitkellem fuq l-ubbidjenza u kemm hi meħtieġa**

**Diċembru 2025.
L-Iben t'Alla sar Bniedem**

Malli d-dinja tal-kummerċ tħabbar il-Milied, Ġuljetta tibda tarma d-dar bi dwal u tiżjin li ġabet mill-Amerka u miċ-Ċina. Ġolina temmen li t-tiżjin tad-dar mhux kollox, anzi ħafna drabi huwa biss vanita'. Żgur li n-nisrani jeħtieġlu jikkumbatti mal-konsumiżmu biex jidħol fil-għar tal-Bambin.

Dan l-Iben t'Alla ġie jfittex lilna, nagħaġ mitlufa, imġewħa, imweġġgħa. Jissorprendina l-fatt li dan Ġesù ma tqażżiżx il-ġdiem u l-ħmieġ tagħna: anzi tħassarna u messna. Kultant lil dan Ġesù noffrulu xi rigal ċkejken, tazza ilma, imma hu ġie biex jagħtina s-salvazzjoni, jagħtina lilu nnifsu. Ifak-karna li aktar ma nersqu lejh, l-umanita' tagħna ssir inqas goffa, żorra, selvaġġa, mudlama.

Dan l-Iben t'Alla ma ġiex biex jitkixxef fuqna imma biex jibqa' magħna, biex jibqa' jkellimna, biex jibqa' jitmagħna, jibqa' jerfagħna, jibqa' jfejjaqna. Jiżbaljaw dawk li jżejnu d-dar bla ma jersqu lejn il-Knisja. Imma nibqgħu fil-qoxra jekk ma niskoprux li fl-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla hemm il-grammatika tal-ħidma appostolika u leġjunarja..**Iddiskuti:**
**1. Ġesù l-mibgħut tal-Missier, jibgħat lilna nkomplu x-xogħol tiegħu.**
**2. Ħafna jinsew li ma jistax ikollhom lil Ġesù mingħajr Marija.**

**Talba u Meditazzjoni**
**San John Henry Newman**
**Ave Maris Stella**

Is-Sliem Sultana tal-baħar. Inti tassew kewkba Marija! Il-Mulej Ġesu' Kristu nnifsu huwa l-Kewkba vera ewlenija, il-Kewkba mdawwla ta' filgħodu kif isejjaħlu San Ġwann; dik il-Kewkba li kienet imħabbra sa mill-bidu u li kellha toħroġ minn Iżrael u ħjiel tagħha deher fil-kewkba li raw l-għorrief mil-Lvant.

Imma jekk l-għorrief u dawk li jgħallmu fil-ġustizzja għad jiddu bħal kwiekeb għal dejjem; u jekk l-anġli tal-Knejjes jissejħu kwiekeb fl-Id ta' Kristu; jekk Hu onora lill-appostli mqar matul ħajjithom fuq l-art b'dan it-titlu u sejħilhom dawl tad-dinja; jekk anke dawk l-anġli li waqgħu mis-smewwiet huma msejħa kwiekeb mid-dixxiplu l-maħbub; u fl-aħħarnett jekk il-qaddisin kollha fil-glorja huma kwiekeb għax huma kwiekeb li jvarjaw fil-glorja tagħhom; mela mingħajr ebda nuqqas ta' qima lejn il-Mulej, Marija Ommu wkoll hija Kewkba tal-Baħar u dan l-aktar għaliex fuq rasha tilbes il-kuruna ta' tnax-il kewkba.

Ġesu' huwa d-Dawl tad-dinja li jdawwal lil kull bniedem li jiġi fiha, u jiftħilna għajnejna bid-don tal-fidi u jdawwal lil ruħna bil-grazzja tiegħu; u Marija hija l-Kewkba li tiddi bid-dawl ta' Ġesu', sabiħa bħall-qamar, u tidi bħax-xemx, il-kewkba tas-smewwiet, il-Kewkba tal-baħar li tieqaf ma' dawk li jsibu ruħhom f'qillet it-tempesta u li għad-dawl tagħha l-ispirtu l-ħażin jgħib u l-paċi tinżel ġewwa r-ruħ.

Sliem għalik mela ja Kewkba tal-Baħar, aħna nifirħu meta nħarsu lejk. Itlob għalina hekk kif tinsab quddiem it-tron tal-grazzja; idħol għalina nitolbuk, ieqaf magħna, u qiegħed it-talba tagħna quddiem Ibnek Ġesu l-Mulej – issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna, Marija kun int l-għajnuna tagħna.


***Pubblikazzjoni:***
**Leġjun ta' Marija, Malta**
**275, Triq San Pawl,**
**Valletta VLT 1213**
**legjunmalta@gmail.com**
**Tel: 79008966**
**legionofmarymalta.org**


# Programm Proviżorju tas-Sena - 2026

## Ħidma fix-xhur li ġejjin

**Jannar 2026**
26 ta' Jannar, it-Tnejn - Laqgħa tar-Regia

**Frar 2026**
8 - 10 ta' Frar, Il-Ħadd - It-Tlieta
Il-Festa ta' San Pawl
Wirja b'Pitturi tal-Pittur Famuż Harry Alden .
Leġjunarji jinġabru fl-Uffiċċju tar-Regia skont ir-Roster li tqassam biex isiru kuntatti.

23 ta' Frar, it-Tnejn - Laqgħa tar-Regia

**Marzu 2026**
Curiae jieħdu ħsieb jorganizzaw il-Funzjoni tal-Acies.

22 ta' Marzu
Acies għall-Praesidia li jaqgħu dirett taħt ir-Regia. Post: Il-Kappella tar-Regia 3.15 pm. Wara ssir Bibita.

30 ta' Marzu, it-Tnejn - Laqgħa tar-Regia

30 ta' Marzu , it-Tnejn - 09.00 am
31 ta' Marzu, it-Tlieta - 05.15 pm
Kuntatti ma' min iżur il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fl-Uffiċċju tar-Regia skont ir-roster.

**April 2026**
12 ta' April, Il-Ħadd - Irtir ta' Ġurnata
Diskussjoni dwar ix-xenarji tal-Video tal-Leġjun.

It-Tnejn 27 ta' Apil - Laqgħa tar-Regia

**Mejju 2026**
Il-Ġimgħa 1 ta' Mejju - Assemblea Nazzjonali

Il-Ġimgħa 8 ta' Mejju - Velja ta' Talb-Knisja San Franġisk, il-Belt, 6.00 - 9.00pm

25 ta' Mejju - Laqgħa tar-Regia

**Ġunju 2026**
18 - 19 ta' Ġunju - Street Contacts - S.Ġiljan





In memory of
**Fr. Leonard Mahoney O.Carm.**
whom the Lord called to Himself
on 24th September 2025
at the age of ninety-two.

He leaves to mourn his loss
his Carmelite Brethren,
his sister Marlene,
her husband Tonio Portughese,
his niece and nephews,
Alexia, Kevin, Clive, and Keith,
other relatives and many friends.

*Lord, grant him eternal rest*



QUDDIESA TAL-FUNERAL
TA'
P. LEONARDU MAHONEY, O.CARM.

Il-Ġimgħa 26 ta' Settembru 2025
Parroċċa Madonna tal-Karmnu - Balluta

L-Ewwel Waqfa Qabel il-Quddiesa

Fuq:
Il-Ktieb tal-Quddiesa tal-Funeral
Taħt:
Mument waqt il-Quddiesa



**Ħidma maż-żgħażagħ**

Il-Junior Curia kienet attiva ferm fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet biex iżommu l-'juniors' tagħna attivi u interessati.Apparti attivitajiet soċjali, bħal Ftira Night li saret fit- 12 ta' Lulju, u l-BBQ f'Ta Warda Youth Centre, Ħaż-Żebbuġ. fit- 18 t'Awwissu, din is-sena reġa' sar is-seba'hjekk imsejjaħ 'Encounter' fejn isiru attivitajiet bejn anzjani u l-adoloxxenti. Dan sar fit-18 ta' Lulju f'Ta' Warda.

**Kuntatt: (Sr.) Marija Farrugia 7973 0516**






## Aġġornamenti Dwar il-Ħidma Barra Minn Malta mill-Leġjun ta' Marija, Malta

**PPC**
**Peregrinatio Pro Christo**
**Bil-Malti, 'Nivvjaġġaw Għal Kristu'**

Bejn it-13 u l-20 t'Ottubru (2025) f'Ruma sar it-tieni proġett għal din is-sena .
Aktar kmieni din is-sena, fil-Parroċċa ta' St. Jude f'Birmingham, l-Ingilterra, sar proġett ieħor bejn l- 4 u 14 ta' Lulju.
Ippjanat 2026: Sqallija, Ruma u Birmingham.
Waqt li l-Kumitat tal-PPC qed jaħdem fuq programm għas-sena d-dieħla, **INFAKKRU** li kull Curia hi mistennija li jkollha koordinatur bejn il-Kumitat u l-Curia, ikun apprezzat ukoll aktar interess minn leġjunarji li jkunu fuq il-Kumitat PPC.

**Kuntatt: (Sr) Lourdes Aquilina - 2165 8473**

**Permanance ta' Lourdes**

Għal kull sena, din is-sena wkoll telgħu tlett gruppi għal madwar 10 t'ijiem - il wieħed, fix-xhur ta' Lulju u Awwissu. Saret laqgħa bejn il-parteċipanti u anke parteċipanti prospettivi is-Sibt 4 ta' Ottubru.

**Dati proviżorji 2026:**

Grupp1: 17 ta' Ġunju - 27 ta' Ġunju
Grupp 2: 1 t' Awwissu - 11 t' Awwissu
Group 3: 19 t' Awwissu - 29 t'Awwissu

**Kuntatt: (Sr.) Marija Farrugia 7973 0516**

**Korrespondenti: - Ħidma mal-Pajjiżi li Malta hi responsabbli għalihom.**

- **Syria** - Lejn l-aħħar tas-sena l-oħra (2024) kien sar kuntatt mill-Leġjun tas-Syria lejn il-Concilium, li ġie mgħoddi lil Malta. Minkejja bosta attentati, għadu ma ġie stabilit ebda kuntatt ieħor.
- **Albania -** Rapport dwar iż-żjara li saret f'Mejju ta' din is-sena jinsab fil-Vexillina ta' Novembru - Diċembru 2025. Wieħed ma jistax ma jżidx is-sodisfazzjoni li nxtrat vettura biex il-leġjunarji f'dan il-pajjiż issa qed ikunu jistgħu jagħmlu l-'visits' neċessarji u l-ħidma leġjunarja b'mod aktar effikaċi, minkejja l-problemi kbar ta' trasport f'dak il-pajjiz. Dan grazzi għal donazzjonijiet mil-Arċidjoċesi ta' Malta u l-Missio, iżda wkoll donazzjoni mill-Leġjun ta' Malta.
- **Greċja** - Ser issir żjara Rodi bejn il-31 t' Ottubru u t-3 ta' Novembru 2025.
- **Turkija** - Saret żjara bejn is-16 u l-20 ta' Ottubru (2025). Rapport jingħata aktar 'il quddiem.
- **Libya** - Allavolja hawn ukoll il-Concilium approva l-'budget' għall-'visit', wara diskussjoni u konsultazzjoni mill-korrispondenti mal-Awtoritajiet Reliġjużi ta' dak il-pajjiz, ġie deċiż li ma ssirx żjara din is-sena.

**Ħidma Leġjunarja mal-Baħrin**
**L-Appostolat tal-Baħar**
Ħidma preżentament wieqfa waqt li l-Leġjun qed jagħmel applikazzjonijiet fuq sistema ġdida tal-Malta Freeport.
Kuntatt: (Bro) John Francalanza 99873537

**Ħidma Leġjunarja fl-Isptarijiet**
**Sptar Monte Carmeli**
Isiru żjarat kull nhar ta' ġimgħa filgħodu.
Kuntatt: Kenneth Abela 79008966

**Ħidma Leġjunarja fil-**
**Faċilità Korrettiva ta' Kordin**
Il-leġjun għadda d-dettalji lil Kappillan, Fr Joe Buttigieg, ta' erba' leġjunarji li wrew interess li terġa' tibda din il-ħidma. Qed nistennew tweġiba.
Kuntatt: Kenneth Abela 79008966



# Attivitajiet Leġjunarji - Rikordju bl-Istampi
# Junior Curia - Sajf 2025
# Manifestazzjoni Marjana 2025









Fuq: Ftira Night
Taħt xellug: 'Encounter' mal-Anzjani
Taħt lemin: Il-BBQ
Isfel nett: Manifestazzjoni Marjana 2025










**Ħsieb spiritwali**
**Omm fit-Tmiem u**
**Omm fil-Bidu**
**Fr Jonathan Debattista.**
**Direttur Spiritwali, Regia ta’ Malta**

Fix-xahar ta’ **Novembru**, id-dinja naturali tinbidel: il-ġranet isiru iqsar, is-skiet jibda jinżel fuq il-ħajja, u l-Knisja tistedinna niftakru fil-mewt u fl-erwieħ tal-mejtin. Hu xahar li fih inħarsu lura – lejn dawk li tlifna, lejn it-triq li għaddejna minnha. Huwa xahar li jġib mistoqsijiet dwar l-eternità u l-misteru tal-ħajja wara l-mewt.
F’dan il-kuntest, Marija tidħol bħala Omm li toqgħod magħna fit-tmiem, mhux biss fil-mewt fiżika, imma wkoll fil-“mewtiet” żgħar li ngħaddu minnhom: telf, bidla, qtigħ il-qalb. Hi l-Omm li ma tibżax mill-qabar, li kienet taħt is-salib, li ħadet f’idejha ġisem mejjet ta’ binha, u xorta baqgħet temmen fil-Qawmien. F’Novembru, hija l-Omm tal-Faraġ, Omm li tiftakar, li tinterċedi, li tifhem.
Imbagħad jiġi **Diċembru** – xahar ta’ stennija u tama. L-istaġun jibqa’ kiesaħ, iżda f’qalb din il-kesħa, tinbet il-preżenza ta’ ħaġa ġdida: Il-Miġja tal-Messija. Marija f’ Diċembru hija l-Verġni li tħares ’il quddiem, l-Omm li ġġorr il-Ħajja fil-ġuf tagħha. Hi tfakkarna li, anke fil-ħinijiet ta’ skiet u inċertezza, Alla qed iħejji ħaġa ġdida fina. Marija f’Diċembru mhix biss simbolu tal-Milied – hija ikona ta’ tama. Hi l-mudell ta’ kif wieħed jistenna lil Alla, mhux b’passività, imma b’fiduċja ħajja u qalb miftuħa. Hi turina kif wieħed jista’ jgħix il-misteru – mhux bil-biża’, imma b’imħabba.

**Fil-Ħajja tagħna...**
Aħna wkoll, bħal Marija, ngħixu x-xahrejn bejn Novembru u Diċembru – bejn it-tmiem u l-bidu, bejn it-telf u t-tama, bejn il-qabar u l-ħajja. U Marija tibqa’ hemm, matul dawn ix-xhur: l-ewwel bħala Omm li żżommna f’dulur, u mbagħad bħala Omm li tħeġġiġna nittamaw u ngħidu IVA  għall-ħajja ġdida li ġejja.

**Talba Qasira:**
O Marija, Omm tagħna, inti tinsab magħna fit-tmiem u fil-bidu. Kun magħna meta kollox jidher li spiċċa, u kun magħna meta Alla jibda ħaġa ġdida fina. Għallimna nistennew b’tama, inħobbu bil-fidi, u ngħixu bil-fiduċja tiegħek.

**Fjurett ma’ Mons Karm Gauci**
**Hsieb**: Wara t-tieġ ta’ Kana, l-vanġeli ftit jitkellmu fuq Marija. Ħsiebha biex taqdi lil Ġesù afdat f’idejha; fis-skiet, fl-ordinarjetà, fil-ħajja ta’ kuljum.
**Talba**: Marija, il-ħajja moħbija tiegħek u ta’ Ġesù Fih hija skola ta’ interjorità. Għallimni nħobb il-ġabra, il-ħajja interjuri u ordinarja, is-skiet għalliem ta’ misteri.
**Fjurett:** Illum agħmel sagrifiċċju ċkejken u tkellem biss għall-bżonn

**Jien Kburi...għax nemmen**

Għax min jemmen f’Dak li ħalqu,
għandu s-sewwa u ferħan.
U min jemmen f’Ġesu’ Ibnu,
qiegħed fit-Triq li mexa Dan.

Tkun ferħan , għax tobdi Kelmtu
u mhux dak li jgħidu n-nies.
Għax il-Kelma t’Alla hi minnha,
hija t-Triq, is-Sewwa u l-Qies.
Min inaqqas jew ibiddel
minn dil-Kelma sewwa Tiegħu,
mhux ser jgħix il-ħajja ħienja;
ma jkunx miexi t-triq miegħu.

Ara kemm hawn gwaj fid-dinja!
kollu t-tort tal-imsejknin,
għax iridu jwarrbu ‘l Alla;
jagħżlu d-dlam, jagħmlu l-ħażin.

Għax il-pedament tas-sewwa,
hi l-Imħabba, Alla s-Sid.
Min ma jħobbx, ma jħobbx lil Alla.
Jagħżel li jagħmel li jrid.

U għalhekk hawn ħafna gwerer.
Il-kbarat ma jiftehmux.
Kelmet Alla dwar l-imħabba,
taqa’ f’widnejn wieħed trux.

Ta’ min hu dan it-tort kollu?
Tal-ħażin, xogħol ix-xitan.
Xogħlu jkisser il-pjan t’Alla,
xitan hu, giddieb hu dan.

Għax sakemm inwarrbu Kliemu
li hi l-Ħajja, is-Sewwa u t-Triq,
qatt ma ssaltan paċi fostna
iżda gwerer, ġlied u lfieq.

Dan mhux faċli li jsir fostna
kemm ‘il darba ma nħobbux;
ma nilqgħux il-Kelma f’qalbna;
jekk qalb waħda ma nkunux!

U trid tibda sa minn kmieni.
Nagħmlu dak li jrid Ġesu’.
Ngħallmu t-tfal iħobbu l-proxxmu
kien min kien, hu kif inhu.

Mela biex neqirdu l-gwerer
u l-vjolenzi, l-għira u l-ġlied,
hu li ngħixu lkoll bħal aħwa
ta’ Missier li tiegħu l-ulied.

**Ġanni Camilleri**
**Mellieħa**



**Marija Addolorata**
**B' Ġesù Mejjet f'Ħoġorha**

**Mary Attard**

Marija, bilqegħda b'Ġesù mejjet f'ħoġrok tħares lejh bi ħniena, waqt li l-ħsibijiet tal-imgħoddi bdew għaddejjin minn moħħok. Rajt lil Ġesù tarbija ta' ftit xhur. Kont tiċċajta miegħu : 'ġej id-dudu ġej', u hu jiċċaċċra kif subgħajk jasal ma' geddumu. kien qorob is-sena meta beda jurik li jixtieq jinżel fl-art. Niżżiltu bil-mod, ħarab minn idejk u telaq b'ġirja waħda mbeqq sa ma għejja. Qam bilqegħda fuq saqajh, b'ħarsa ta' trijonf lejk u tbissima anġelika, ġbartu mill-art u għedtlu: kemm sar bravu da' ċ-ċkejken tiegħi!

Għaddew is-snin  u ta' tletin sena ħareġ jgħallem, ifejjaq il-morda, iqajjem il-mejtin... u dejjem folol kbar jiżdiedu għal warajh. Ġibed l-attenzjoni u l-għira tal-mexxejja tal-poplu, u beżgħu minnu. B'ħafna modi u xhieda foloz ġie kkundannat għall-mewt fuq is-salib. Wara tliet siegħat ta' agonija ħarxa fuq is-salib - issa jinsab f'ħoġrok għall-aħħar darba - jistenna d-difna. U aħna? Nistennew il-qawmien.

**San John Henry Newman**
**Fr Jonathan Debattista**

Fl-ewwel jum ta’ Novembru il-Knisja tiċċelebra il-festa tal-Qaddisin kollha. Din is-sena Papa Leone se jiddikjara lil San John Henry Newman bħala ‘Duttur tal-Knisja’. “It-titlu ta’ “Duttur” huwa titlu uffiċjali mogħti lil individwu mill-Papa bħala ġest ta’ rikonoxximent għall-kontribut straordinarju li l-persuna tkun tat fit-tifsir u l-interpretazzjoni tal-Iskrittura u fl-iżvilupp tad-Duttrina Nisranija” (Fr. Jonathan Farrugia).

Henry Newman (1801-1890) twieled f’familja eżemplari Anglikana. Wara l-iskola studja fl-universita’ ta’ Oxford, fejn aktar tard għallem ukoll. Fl-1825 ġie ordnat qassis fil-Knisja Anglikana. Fil-parroċċa żgħira ta’ Littlemore beda jistudja id-differenzi bejn it-teoloġija Anglikana u dik kattolika. Fl-1845 sar kattoliku u hawn beda perjodu fejn kiteb ħafna dwar il-tagħlim tal-Knisja, kif ukoll poeżiji u innijiet. Fl-1879 sar kardinal u bħala motto għażel ‘Qalb li titkellem ma’ qalb’, motto li juri kemm kien jorbot it-Twemmin intellettwali ma’ dak tal-qalb.

Miet fl-1890 u ġie midfun f’Birmingham.

**Għad-Djarju - tad-Diretturi Spiritwali:**

Wara l-laqgħa mħabbra tat-2 ta’ Diċembru 2025, il-Laqgħa ta’ Lulju 2026 ser issir fis-17 ta’ Lulju 2026 f’Mount St Joseph, il-Mosta




**Laqgħa Ġenerali ta’ kull sena  (December Function)**

Waqt li nfakkru li kull Curia trid torganizza din il-Funzjoni, infakkru li l-Funzjoni organizzata mir-Regia għall-Praesidia tagħha ssir fis-6 ta’ Diċembru.